MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 525/2004

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Eleonor Bartolo**

**vs**

**Anthony Cauchi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Marzu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tnejn u sittin lira Maltija u disgha centezmi (Lm262.09) in kwantu ghal mitejn u sebgha u tletin lira Maltija u disa' centezmi (Lm237.09) dovuta lis-socjeta` attrici assikuratrici u s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) dovuta lill-attrici, rappresentanti Danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru LAM-532 fit-18 ta' Jannar, 2003 gewwa l-Gzira habat mal-vettura numru JBA-875 propjeta` ta'**

**Eleonor Bartolo u kkaguna Danni f'din l-istess vettura;**
**Dan l-incident huwa ghailh unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat;**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali datata 22 ta' Dicembru, 2003 kontra l-konvenut u tal-parir Lm15.00 u bl-imghax kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentata mill-atturi fit-23 ta' Settembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta, u konsegwentement it-talba attrici ghandha titqies bhala pruvata.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh, u jikkundanah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u sebgha u tletin lira Maltija u disa' centezmi (Lm237.09), u lill-attur is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) bl-imghaxijiet legali dekorribli mill-10 ta' Lulju, 2004.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk tal-ittra legali datata 22 ta' Dicembru, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------